jew is-sensi kollha ta' xi bniedem, jew xi tifsira oħra milli semejna, mhux aħjar immela li wieħed jikteb jew jgħid ngħidu aħna "ġie fis-sensi tiegħu" għad li mhix maltija għal kollox, għal ġie f'sessih, ġie f'sikktu, jew ġie in se (din taljana wisq)? U kieku nerġa,' nistaqsi, billi SESS ikollha żewġ tifsiriet hemm xi ħaġa ħażina? Fil-Malti għandna mijiet ta' kliem li jaqblu fil-leħen jew li jinkitbu waħda bħal oħra, imma għandhom aktar minn tifsira waħda (omonimi) bħal BIES - ta bewsa; isem ta' għasfur, isem ta' ħuta BJAD - sar abjad, ġewż tal-qoton miftuħ. BOLOQ - xjieħ. mar il-baħar (fig), plural ta' iblaq griż. DAR - għamel dawra; għamara; fejn wieħed joqgħod. DEHEN - dilek biż-żejt, ikkunsagra, għaqal, għerf ecc. u bosta oħrajn.

Dan li ktibt mhux biżżejjed. Ma nistax ma nsemmix li llum qegħdin nil-

tagħlim ħażin jew ta' tagħlim ta' kafkaf.

taqgħu ma' ħafna kitba ħażina ta' xi kliem; dan qed jiġri aktarx ħtija ta'

Ħafna huma l-kittieba li mill-verbi - li s-sies tagħhom hu ta' tliet konsonanti - jsawru in-nomi verbali bħallikieku kienu verbi ta' erba' konsonanti bħal THAWWIL għal TAĦWIL (l-ewwel forma ta' ħawwel intilfet maż-żmien.)

Oħrajn ma jafux il-għadd imkattar (plural) ta' xi nomi u aġġettivi u għalhekk iżidu "iet" man-nom jew aġġettiv, bħal nifsijiet flok nfus, ħabsijiet flok ħbus.

Uħud lanqas jafu li l-Malti għandu għadd kbir ta' kliem ċekkieni (diminutiv), u jiktbu tifel ċkejken għal tfajjel, ftit twil flok twajjel, tieqa ċkejkna flok twejqa.

Hemm ukoll min ma jafx joħroġ il-komparativ u għalhekk jinqeda bil-kelmiet aktar, iżjed, bħal aktar ħafif għal eħfef, iżjed irqiq għal irqaq, aktar utiq flok utaq, iżjed kmieni għal ikmen.

U fl-aħħar għandna ukoll ħafna kittieba li ma jinqdewx bil-forom tal-verbi, u minnhom nfushom juruna l-passiv u jinqdew bil-għamla tal-passiv ingliż u taljan, bħal ġie/kien miktub/a minn flok inkiteb/inkitbet minn, kien mirbuħ flok irtebaħ, kien imnissel għal tnissel.

---

**TISWIJA fi IL-MALTI**

Ir-Raba' ktieb - Diċembru 1970

**SQALLI, TALJAN JEW SEMIN?**

L-aħħar vers tal-ewwel paragrafu jrid jinqara:

"jkun li ma ssellifniehx minn dawk l-ilsna, bħalma wieħed jista' jara aktar 'il quddiem



# REĊENSJONIJIET

**Id-Dumnikani fil-Belt, 1569-1619. Ta' Patri Mikiel Fsadni, O.P. Veritas Press-1971. Paġ. 152**

Lil Patri Mikiel Fsadni tad-Dumnikani nafuh bħala bniedem għaref, studjuż u riċerkatur intelliġenti f'manuskritti, dokumenti u arkivji qodma li għandhom x'jaqsmu mal-storja ta' Malta. Hu ħareġ kotba, trattati u artikoli li kienu milqugħin tajjeb minħabba t-tagħrif ġdid li fihom dwar l-istorja ta' pajjiżna, u ħafna mill-kitba tiegħu tefgħet dawl fuq nies u ġrajja li kienu moħbijin għal mijiet ta' snin.

Hekk f'din l-aħħar biċċa xogħol tiegħu, l-awtur iġib quddiem għajnejn il-qarrej fatti u ċirkustanzi li qatt ma kienu nstemgħu qabel, jew jekk konna nafu bihom, qatt ma kellna provi jew xhieda ta' kif jew għaliex ġraw; biex insemmgħu eżempju, f'dan il-ktieb aħna naqraw x'kienet ir-raġuni li ġagħlet lill-Fratelli tal-Konfraternita tar-Rużarju, illum magħrufin bħala Rużarjanti, li jitilqu mill-Knisja tal-Portu Salvu u jibnu oratorju għalihom.

L-awtur jikteb dwar id-Dumnikani tal-Belt fl-ewwel ħamsin sena talqagħda tagħhom hemm, imma fl-istudju li għamel biex ħareġ dan il-ktieb tiegħu, hu ltaqa' ma' ċirkostanzi u kixef fatti li ħadd, jew ftit wisq, kienu jafu bihom, u hu niżżilhom mhux biss minħabba li kellhom x'jaqsmu mas-suġġett li kiteb fuqu, imma wkoll biex is-sehem li wettqu fl-istorja ta' Malta ikun aktar magħruf u ma jintesiex.

Minħabba f'hekk bis-saħħa ta' dan il-ktieb sirna nafu bl-eroiżmu talgħaġeb tal-Kappillan ta' Ħal Qormi, Dun Ġwanello Cilia, li fl-Assejdu l-Kbir, minn rajh, għażel li jingħalaq mal-parruċċani tiegħu fil-forti Sant Elmu, fejn bata u tqabad b'ħila liema bħala. Hu ma laqax l-offerta li għamlulu biex joħroġ mill-Forti u jeħduh il-Birgu, iżda baqa' fil-post tat-taqbid sakemm il-forti waqa' f'idejn il-għadu, u l-ġisem tal-Kappillan wasal taħt Sant Anġlu "imewweġ f'wiċċ il-baħar b'rasu maqtugħa."

Dak il-Kappillan, għall-imġiba tiegħu u l-ħila li wera, jixraqlu li jkun magħruf bħala wieħed mill-aqwa eroj ta' Malta u jistħoqqlu monument xejn anqas minn patrijotti oħrajn qassisin u sekolari.

L-awtur għandu ħabta biex jifli l-ħwejjeġ li huma ta' siwi storiku u jaf iqis u jiżen l-importanza tagħhom. Kull fatt li jsemmi, kull ġrajja li jirrakkonta huma mwettqin b'noti dokumentarji biex il-qarrej ikun żgur minn dak li jsib fil-ktieb.

Patri Fsadni jraqqaq fuq is-suġġett tiegħu, iżda b'hekk ma jdejjaqx lilil-qarrej u anqas ma jħalli barra fatti u ċirkostanzi li b'xi mod jew ieħor jitfgħu dawl fuq drawwiet u xejriet tal-ħajja soċjali, ekonomika, reliġjuża u folkloristika. Hekk insibu li fis-seklu sittax kienu jsajru l-bigilla f'Malta (P.34) u